MALTA

# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI TA' MALTA

## Magistrat Francesco Depasquale

**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Illum t-Tnejn, 29 ta' Ottubru 2018**

Rikors Numru 6/2016

**Wara l-Ittra Ufficjali Nru 2162/15 tat-28 ta' Awissu 2015 fl-ismijiet**

**Richard Galea**
**(ID 410459)**

**vs**

**Reuben Bonnici, (ID 448471M), ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta Autmated Revenue Management Services Ltd f'isimha u ghan-nom tal-Enemalta plc u l-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma**

Il-Qorti,

### 1. Premessi

1. Rat ir-rikors promotur ippresentat fit-13 ta' Jannar 2016 fejn ir-rikorrenti talab is-segwenti:

*Illi l-esponent ghadu kemm (fis-7 ta' Jannar 2016) gie notifikat b'Ittra Ufficcjali numru 2162/15 fl-ismijiet inversi li kienet giet pprezentata minn Reuben Bonnic nomine fis-28 ta' Awissu 2015.*

*Illi permezz ta' l-imsemmija Ittra Ufficjali ir-rikorrent gie formalment notifikat bl-hemm annessa dikjarazzjoni guramentata markata Dok. "A" u gie ukoll interpellat biex jhallas is-somma ta' hames t'elef mitejn u hamsin euro u tmienja u erbghin cent (€5,250), spejjez u imghax allegatament dovuti ghar-ragunijiet premessi fil-precitata ittra ufficcjali u dikjarazzjoni guramentata;*

*Illi l-precitata pretenzjoni ta' Reuben Bonnici nomine dedotta permezz tal-fuq imsemmija ittra ufficcjali u dikjarazzjoni guramentata hija bbazata fuq suppozzizzjonijiet u konsiderazzjonijiet li huma nfondati kemm fil-fatt kif ukoll fi dritt u ghalhekk ma jikkonkorrux ic-citkostanzi li huma necessajri skond il-ligi biex jintitolaw lill-imsemmi Reuben Bonnici nomine sabiex juzufruwixxi mill-procedura elenkata fl-artikolu 466 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal- Ligijiet ta' Malta) u ghalhekk kemm I-imsemmija ittra ufficcjali kif ukoll d- dikjarazzjoni maghha annessa huma illegali u nulli, u dana kif ser jigi spjegat u ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors*

*Illi oltre l-premess, u minghajr pregudizzju, il-precitata pretenzjoni ta' Reuben Bonnici nomine dedotta permezz tal-fuq imsemmija ittra ufficcjali u dikjarazzjoni guramentata hija preskritta stante t-trapass ta' aktar minn tmientax (18)-il xahar a tenur tal-artikolu 2148 (b) u (f) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Illi oltre l-premess, u minghajr pregudizzju, il-precitata pretenzjoni ta' Reuben Bonnici nomine dedotta permezz tal-fuq imsemmija ittra ufficcjali u dikjarazzjoni guramentata hija preskritta stante t-trapass ta' aktar minn hames (5) snin a tenur tal-artikolu 2156(f) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Illi oltre I-premess, u minghajr pregudizzju, l-esponent, ghal ferm aktar minn dawn l-ahhar hames snin ma kellux il-pussess tal-fond Garage 10, Triq Dun Frans Camilleri, Santa Venera u lanqas ma kkonsma dawn is-servizzi jew baqa' juza meters imsemmija fl-istess ittra ufficcjali u dikjarazzjoni precitata;*

*Illi oltre l-premess, u minghajr pregudizzju, il-precitata pretenzjoni ta' Reuben Bonnici nomine dedotta permezz tal-fuq imsemmija ittra ufficcjali u dikjarazzjoni guramentata qed tistrieh fuq klawzoli mhux gusti illi jkollhom bhala skop jew effett xi wiehed jew aktar mill-iskopijiet u effetti msemmija fis-subartikolu (2) tal-Artikolu 44 tal-Kap 378 tal-Ligi ta' Malta fl-allegat kuntratt ta' bejn il-kontendenti u ghalhekk, l-istess pretensjonijiet fil-konfront tal-esponent huma infondati fil-fatt u fid-dritt kif fuq inghad u ghandhom jigu dikjarati bhala iriti u nulli anke ai termini tal-provvedimenti tal-imsemmi artikolu 44 (1) tal-Kap 378 tal-Ligi ta' Malta;*

*Ghaldaqstant, ghal ragunijiet premessi u ghal dawk li ser jingiebu waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors l-istess socjeta' esponenti umilment titlob li din il-Qorti joghgobha a tenur tal-artikolu 466 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna li l-Ittra Ufficcjali numru 2162/15 fl-ismijiet inversi li kienet giet pprezentata minn Reuben Bonnici nomine fit-28 ta' Awissu 2015 (Dok. "I") u l-hemm annessa dikjarazzjoni guramentata markata bhala Dok. "A" ghall-hlas ta' is-somma ta' hames t'elef mitejn u hamsin euro u tmienja u erbghin cent (5,250.48), spejjez u imghax allegatament dovuti in konnessjoni ma dawl u ilma hekk kif spjegat ahjar fil-precitata ittra ufficjali huma infondati fil-fatt u fid-dritt u nulli ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi fil- konfront tar-rikorrent u ghalhekk mhux ezegwibbli, salv kull prowediment li din il Qorti jidhrilha xierqa u opportuni;*

2. Rat ir-risposta ta' l-intimat **Reuben Bonnici noe** ippresentata fil-15 ta' Frar 2016 fejn laqa' ghal dak mitlub billi qajjem is-segwenti difizi:

   *1. Illi s-socjeta' Automated Revenue Management Services Limited intavolat l-ittra ġudizzjarja bin-numru 2162/15 ai termini tal-artikolu 466 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta kontra s-soċjeta' rikorrenti, liema ittra qieghda tigi annessa u mmarkata bhala Dok. ARMS1;*

   *2. Illi s-socjeta' esponenti hija kreditriċi tar-rikorrent Richard Galea fl-ammont ta' hamest'elef, mitejn u hamsin ewro u tmienja u erbghin centeżmu (5,250.48) rappreżentanti f'konsum ta' ilma u elettriku, kera ta' meters tal-ilma u elettriku, spejjeż amministrattivi, disconnection fees, flimkien ma imghax dovut skont il-liġi relatati mal-kont tas-servizzi utili indikat fl- imsemmija ittra ufficjali u dan salv ammonti ohra dovuti;*

   *3. Illi s-socjeta' esponenti tirrespingi 1-pretensjonijiet kollha miġjuba mir-rikorrenti bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt;*

   *4. Illi l-linja difensjonali tar-rikorrenti dwar il-preskrizzjoni hija wkoll nfondata fil-fatt u fid-dritt, dan anke in vista' li 1-perjodu ta' preskrizzjoni jigi interott permezz tal-volontarjeta', 1-ixjenza tad-debitu, 1-inekwivoċita' u 1-esternazzioni tar-rikonoxximent permezz ta' dikjarazjonijiet u minn kwalunkwe fatt iehor li jimplika ammissjoni, ad exemplum, il-weghda tal-hlas;*

   *5. Illi huwa r-rikorrent li huwa rregistrat fuq il-kont in kwistjoni u jibqa' ghalhekk responsabbli ghal tali kont sakemm ma tigi intavolata applikazzjoni sabiex il-kont jinqeleb fuq isem haddiehor;*

   *6. Illi l-allegazzjoni tar-rikorrent li 1-ammont mitlub huwa bi ksur tal-Artikolu 44(1) u l-artikolu 44(2) tal-Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta hija wkoll infondata fil-fatt u fid-dritt;*

   *7. Illi l-ittra ufficjali in kwistjoni hija valida u ghandha tigi reża eżekuttiva kontra r-rikorrent Richard Galea stante li jissussistu l-elementi kollha taht l-artikolu 466 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u kien ghalhekk illi s-Soċjeta esponenti mexiet mal-proċedura kkontemplata fl-imsemmi artikolu;*

   *8. In vista tas-suespost, u b'riżerva ghal kull prova ohra kif ikun mehtieg li ggib is-socjeta' esponenti fil-mori ta' dawn il-proceduri, is-socjeta' esponenti hija tal-umli fehma li din 1-Onorabbli Qorti ghandha twarrab it-talba tar-rikorrent Richard Galea, bhala wahda minghajr ebda bażi u li hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u tiddikjara li l-ittra uffiċjali bin-numru 2162/15 intavolata ai termini tal-artikolu 466 tal-Kapitolu 12, hija reża eżekuttiva kontra r-rikorrent.*

## 2. Provi

1. Semghet ix-xhieda ta' Reuben Bonnici, prodott mir-rikorrent u moghtija fit-28 ta' April 2016.

2. Semghet ix-xhieda ta' Reuben Bonnici, prodott mir-rikorrent u moghtija fis-16 ta' Gunju 2016 u rat id-dokumentazzjoni minnu ppresentati

3. Semghet ix-xhieda ta' Reuben Bonnici, prodott mir-rikorrent u moghtija fit-13 ta' Ottubru 2016 u rat id-dokumentazzjoni minnu ppresentati

4. Rat in-nota bid-dokumenti mitluba mir-rikorrenti u ppreentati minn Reuben Bonnici permezz ta' nota fl-24 ta' Novembru 2016.

5. Semghet ix-xhieda ta' Reuben Bonnici, prodott mir-rikorrent u moghtija fis-6 ta' Frar 2017.

6. Semghet ix-xhieda ta' Richard Galea moghtija fis-6 ta' April 2017.

7. Rat illi fis 6 ta' April 2017 ir-rikorrent iddikjara illi ma kellux aktar provi x'jippresenta.

8. Semghet ix-xhieda ta' Reuben Bonnici, in kontro ezami u moghtija fid-19 ta' Ottubru 2017.

9. Semghet ix-xhieda ta' Reuben Bonnici, prodott mir-rikorrent u moghtija fit-23 ta' Novembru 2017 u rat id-dokumentazzjoni minnu ppresentati.

10. Semghet ix-xhieda ta' Reuben Bonnici, in kontro ezami, moghtija fit-18 ta' Jannar 2018.

11. Semghet ix-xhieda ta' Richard Galea, in kontro ezami, moghtija fit-18 ta' Jannar 2018.

12. Semghet ix-xhieda ta' Richard Galea, in ri ezami, moghtija fl-14 ta' Mejju 2018.

13. Semghet ix-xhieda ta' Reuben Bonnici, in kontro ezami, moghtija fl-14 ta' Mejju 2018.

14. Rat illi fl-14 ta' Mejju 2018 il-kawza thalleit ghas-sottomissjonijet finali orali ghall-4 ta' Ottubru 2018.

15. Semghet it-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partijiet moghtija fl-4 ta' Ottubru 2018, wara liema data il-kawza giet differita ghas-sentenza ghallum.

## 3. Konstatazzjonijiet fattwali.

1. Jirrizulta, mill-provi presentati, illi r-rikorrent Richard Galea, fl-24 ta' Frar 2000 assuma r-responsabbilta' tal-meter tad-dawl u ilma tal-garage numru 10, Triq gdida fi Triq Carini, Santa Vennera, minghand certa Joseph Catania, illi fuqu kien irresistrat il-garage precendentement.

2. Jirrizulta, di fatti, illi l-intimat kien ha il-irja tal-garage fuq imsemmi, li precendetement kien ghand Joseph Catania, u ghalhekk kienu ghamlu l-arrangament sabiex il-kont tad-dawl u ilma ma jibqas fuq Joseph Catania izda jdur fur ir-rikorrent Richard Galea.

3. Jirrizulta illi r-rikorrenti ffirma dokument imsejjah 'Registrazzjoni ta' Bidla tal-Konsumatur', esebit a fol 30 sa 33 tal-process, fejn huwa assuma responsabbilta' tal-kont tad-dawl.

4. Jirrizulta illi r-rikorrent jikkontendi illi huwa zamm il-garage ghal madwar sena u nofs, u wara sena w nofs, ghadda il-kera lill-persuna ohra, illi ismu ma jafux.

5. Jirrizulta illi r-rikorrent jikkontendi ukoll illi hu, flimkien ma dana it-terz mhux maghruf, marru wkoll fl-ufficju tal-Korporazzjoni u, wara illi sar il-hlas relattiv, dawwar il-kont fuq dana it-terza persuna.

6. Jirrizulta, minn dokumentazzjoni ossija statement esebit mis-socjeta intimata, illi fis 26 ta' Awissu 2002 sar hlas ta' Lm82.68, biex b'hekk il-kont tad-dawl u ilma gie imhallas kollu sa dakinhar – fol 36.

7. Jirrizulta illi ghalkemm r-rikorrent jikkontendi illi kienu gew iffirmati d-dokumenti kollha, s-socjeta intimata kif ukoll il-Koporazzjoni ma ghandha ebda dokument fil-pussess taghha in sostenn ta' dan, u r-rikorrent ma ghandu ebda dokument f'dana is-sens ukoll.

8. Jirrizulta illi fid 19 ta' Frar 2015, is-socjeta intimata baghtet 'Avviz ta' Qtugh' lir-rikorrent "minhabba kontijiet mhux imhallsa li jammontaw ghall €5,143.03 u, fuq tali avviz ir-rikorrent kiteb is-segwenti u baghtha lura: "TAFU KEM IL DARBA BATTILKOM LI ILNA IS SNIEN LI DAN MADUX TANA U ILNA LI QLIBNIH SNIN ILU", liema dokument jidher illi wasal lura ghand l-ARMS fit 23 ta' Frar 2015. – fol 55.

9. Jirrizulta illi sussegwentement, fis 17 ta' Maerzu 2015 s-socjeta intimata kitbet lir-rikrorent fejn gharrfitu illi sseta jigi l-ufficju u jimla d-dokumentazzjoni mehtiega filwaqt illi gharrfu illi kwalsiasi bilanc kellu jithallas.

10. Jirrizulta illi eventwalment sar skambu bejn il-konsulenti legali taz-zewgt partijiet u finalment, fit 28 ta' Awissu 2015 intbghatet l-Ittra Ufficjali Nru 2162/15 li giet notifikata lir-rikorrent fis 7 ta' Jannar 2016 (fol 13).

## 4. Konsiderazzjonijet

1. Jirrizulta illi l-Artikolu 72 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 545.01 dwar il-Provvista ta' l-Elettriku jipprovdi illi:

    *"Ebda konsumatur ma jehles mill-obbligu tal-hlasijiet tal-hlas tal-meter jew tal-konsum f'lok imghammar minnu kemm-il darba u sakemm ma jaghtix avviz bil-miktub lic-Chairman fejn ifissirlu li ma bi hsiebux jibqa' juza l-kurrent elettriku minn dik id-data li tinghata minnu, u kemm-il darba u sakemm ma jkunx hallas kull somma ta' flus li l-konsumatur ikollu jaghti taht dawn ir-regolamenti:*

    *Izda l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni jista', mid-data stabbilita f'dak l-avviz, iwaqqaf il-provvista tal-elettriku u jnehhi l-meter.*"

2. Jirrizulta illi ghalkemm ir-rikorrenti jikkontendi illi huwa kien ha hsieb illi jdawwar il-kont tad-dawl u ilma fuq terzi, ma instab ebda dokumentazzjoni mis-socjeta intimata illi tikkonferma dana il-fatt.

3. Jirrizulta illi r-rikorrenti la jiftakar lil min ghadda il-garage u lanqas fuq min dar il-kont tad-dawl u ilma.

4. Jirrizulta, mill-banda l-ohra, illi r-rikorrent jiftakar min kien originalment dawwar il-kont tad-dawl u ilma fuqu, ossija certa Joseph Catania, u s-socjeta intimata kienet f'posizjoni illi tikkorrabora dan b'dokumentazzjoni iffirmata kemm minn Catania kif ukoll minn Galea.

5. Jirrizulta, ghalhekk, illi r-rikorrent ma pprovda ebda tip ta' prova sabiex turi illi attwalment il-kont tad-dawl u ilma ma baqghax fuqu u ghalhekk is-socjeta intimata kienet korretta illi ddur fuq ir-rikorrent ghal hlas ta' pagamenti b'lura.

6. Jirrizulta, minn dokumentazzjoni esebita mis-socjeta intimata, illi l-ahhar pagament fuq il-kont illi jsejjah lir-rikorrent u li huwa l-meritu tal-kawza odjerna, sar fis 26 ta' Awissu 2002, u l-pagament kien ta' Lm82.68. Minn dakinhar sa llum ma sar ebda pagament. (fol 36 et seq)

7. Jirrizulta illi s-socjeta intimata qatt ma ghamlet xi interpellazzjoni gudizzjarja lir-rikorrent u r-rikorrent qatt ma accetta dak dovut, tant illi, meta baghtulu Avviz tal-Qtugh tad-dawl, harbex nota fuq il-karta fejn gharrafhom illi kien ilu jghidilhom li l-garage ma kienx fuqu, u baghtilhom lura u dana kien fit 23 ta' Frar 2015. (fol 55)

8. Jirrizulta illi kien biss f'Jannar tas-sena 2016 illi l-Provvista tad-dawl inqata attwalment. (fol 55)

9. Jirrizulta illi l-Ittra Ufficjali meritu tal-kaz odjern, u li ntbghatet fit-28 ta' Awissu 2015, qieghda titolb ghall-hlas tal-kontijiet tad-dawl u ilma akkumulati mit-22 ta' Ottubru 2002 (fol 36) sal-14 ta' April 2015 (fol 42).

10. Jirrizulta illi s-socjeta intimata, tul dana il-periodu kollu, qatt ma interpellat lir-rikorrent ghal hlas ta' xi pagament, u l-ewwel interpellazzjoni gudizzjarja hija dik illi saret fit 28 ta' Awissu 2015.

11. Jirrizulta ghalhekk, minghajr ebda dubju, illi parti konsiderevoli tas-somma mitluba fl-Ittra Ufficjali hija milquta bit-trapass tal-periodu ta' hames snin stabbilit mill-Artikolu 2156 (f) tal-Kap 16 u ghalhekk l-azzjoni ta' l-intimat nomine ghal tali hlasijiet li kienu dovuti sa' hames sninq abel l-Ittra Ufficjali taqa' bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' hames snin.

12. Jirrizulta ghalhekk illi parti mill-import kollu kif dikjarat fl-Ittra Ufficjali ma huwiex dovut u ghalhekk ddikjarazzjoni maghmulha u li abbazi taghha inharget l-Ittra a tenur tal-Artikolu 466 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta hija skorretta, bir-rizultat illi l-Ittra Ufficjali trid tigi dikjarata nulla.

## 5. Konkluzjoni

Il-Qorti,

Wara illi rat il-provi kollha prodotta quddiemha,

Wara illi semghet it-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri taz-zewgt partijiet

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi l-kaz billi

**Tichad** l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta intimata,

**Tilqa** t-talba rikorrenti u ghalhekk

**Tiddikjara** id-Dikjarazzjoni Guramentata datata 27 ta' Awissu 2015 u notifikata lir-rikorrent permezz ta' Ittra Ufficjali datata 28 ta' Awissu 2015 bhala infondata fil-fatt u fid-dritt.

Kull parti ghandha tbaghti l-ispejjez taghha.

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Rita Sciberras**
Deputat Registratur